

## IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2016 – FV vs Il-Kunsill  
(Kawża F-40/15) <sup>(1)</sup>**

*(Servizz pubbliku — Evalwazzjoni — Rapport ta' evalwazzjoni — Interess ġuridiku — Evalwazzjonijiet analitiċi inqas favorevoli — Riferiment lill-Kumitat tar-Rapporti — Modifika mit-tieni evalwatur ta' ċerti evalwazzjonijiet li ma taffettwax l-evalwazzjoni globali — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Dmir ta' premura)*

(2016/C 287/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: FV (rappreżentanti: inizjalment T. Bontinck u A. Guillerme, avukati, sussegwentement L. Levi, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u M. Veiga, aġenti)

### Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrenti għas-sena 2013.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) FV għandha tħalli l-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata tħalli l-ispejjeż sostnati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 178, 1.6.2015, p. 27.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef uniku) tat-28 ta' Ġunju 2016 – Kotula vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-118/15) <sup>(1)</sup>**

*(Servizz pubbliku — Ufficijali — Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal — Proċedura ta' promozzjoni 2014 — Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal — Lista tal-ufficijali proposti għall-promozzjoni mid-diretturi ġenerali u mill-kapijiet ta' dipartiment — Ommissjoni ta' isem ir-rikorrent — Trasferiment interistituzzjonali — Teħid inkunsiderazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni redatti mill-istituzzjoni preċedenti — Possibbiltà li l-lista tal-ufficijali proposti għall-promozzjoni tiġi kkontestata quddiem il-kumitat konġunt ta' promozzjoni — Eżami komparativ tal-merti tal-ufficijali li jistgħu jiġi promossi)*

(2016/C 287/43)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Marcin Kotula (Brussels, il-Belġju) (rappreżentanti: N. de Montigny u J.-N. Louis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti)